



# Iż-Żejtun fil-Qedem:

## Trinek għat-tkabbir tas-siġar taż-żebbuġ u tad-dwieli.

*Kitba ta' Prof. Anthony Bonanno*

Nammetti li sal-jum li fih bdejt nikteb dan l-artiklu ma kontx naf kemm kellu raġun is-Sur Frans Mallia, li fis-sittinijiet u sebgħinijiet kien kuratur tal-Arkeoloġija u wara direttur tad-Dipartiment tal-Mużewijiet, meta kien jitkellem fuq 'lanijiet' li kien jiddeskrivihom bħala kanali fil-blat biex jitħawlu fihom id-dwieli. Skont Mallia t-tħaffir ta' dawn il-kanali kienet prattika magħrufa sewwa u mħaddma sikwit mill-bdiewa tagħna fit-tkabbir tad-dwieli sa żminijiet qrib tagħna.

Meta bdejt nikteb dan l-artiklu għidt bejni u bejn ruħi li aħjar infittex sewwa f'dizzjunarju tajjeb jekk Frans Mallia kellux raġun u jekk din il-kelma kienitx fil-fatt teżisti. L-ewwel problema kienet li ma kontx naf kif kienet tinkiteb il-kelma għaliex kont naħseb li kienet tibda bl-'għ', u mhux bl-'l', li mingħalija kienet l-artiklu tal-kelma '*għanu/għanijiet*'. Iżda fittixt il-kelma *lan* fid-dizzjunarju ta' Guzè Aquilina u mill-ewwel sibtha. Skont Aquilina *lan* mhi xejn ħlief varjanti ta' *lant*, kelma li nsibuha wżata iktar spiss, bħal fil-'*lant tax-xogħol*'. Iżda t-tieni tifsira tagħha, dejjem skont Aquilina, li jiċċita wkoll lil Vassalli u lil De Soldanis, hija preċiżament '*Canal of an oblong or irregular shape dug in a field for irrigation or ... for planting of vines*'. Mela fl-aħħar, wara ħafna snin li kont smajt bihom l-ewwel darba, issa naf fiċ-ċert x'inhuma dawn il-lanijiet u li Frans Mallia kellu raġun.

*Iżda x'ġegħel naghmel dan isforz biex naqta' din il-kurżità.*

Iżda x'ġegħelni nagħmel dan l-isforz biex naqta' din il-kurżità. Dan għamiltu l-iktar għaliex bħal dawn il-kanali sibna għadd ġmielu maqtugħin fil-blat f'dawn l-aħħar snin waqt it-tħaffir arkeoloġiku li aħna, għalliema tad-Dipartiment tal-Arkeoloġija tal-Università ta' Malta, flimkien mal-istudenti tagħna, qed nagħmlu fuq il-fdalijiet tal-villa Rumana li tinsab fil-qasam tal-iskola sekondarja tal-Bniet fiż-Żejtun. Ta' min jispjega li qabel l-1961 ħadd ma kellu l-iċken ħjiel tal-eżistenza ta' dawn il-fdalijiet,

għalkemm l-isem inniffsu taż-Żejtun kien jagħti x'jifhem li xi darba, x'imkien f'dawn l-inħawi, kellu jkun hemm xi bini jew binjiet magħquda mal-produzzjoni taż-żejt. Barra minn hekk, kemm fiż-Żejtun innifsu kif ukoll fl-inħawi ta' madwaru, kienu nstabu qabel għadd ta' oqbra Puniċi u Rumani li kienu jagħtu ħjiel li mhux 'l bogħod minnhom bil-fors kien hemm xi abitazzjonijiet li l-abitanti tagħhom indiffnu f'dawk l-oqbra. Bħal dawn insemmi qabar li nstab fi Triq Santa Katarina, ieħor fi Triq San Klement u oħrajn ħafna iktar qrib l-istess skola, fi Triq San Piju X, fiċ-ċimiterju ta' San Girgor, fi Triq Luqa Briffa u Triq Dun Lawrenz Degabriele, bieb u għatba mal-iskola.

Fl-1961, meta l-buldożer beda jħammel il-ħamrija biex jibdew jinbnew is-sisien tal-iskola l-ġdida, feġġew il-fdalijiet ta' ġebel kbir maħdum, iżda l-awtoritajiet ma qisuhomx importanti biżżejjed u kien fl-1964 li fdalijiet iktar evidenti inkixfu u mill-1972 sal-1976 sar tħaffir estensiv bl-għajnuna ta' studenti barranin taħt id-direzzjoni tal-kuratur tal-Mużew. Inkixfu xi kmamar bl-art mgħottija b'madum tal-fuħħar għamla ta' maqrut, li kienu jiffurmaw il-parti reżidenzjali tal-villa Rumana, fdalijiet ta' ġiebja kbira li ma setgħux ikomplu jikxfuhom għaliex kienet perikoluża u forsi iktar interessanti, fdalijiet tal-ġebel tal-apparat biex jingħasar iż-żejt. Dan kien juri biċ-ċar li fi żmien ir-Rumani, f'dawn l-inħawi ta' madwar din il-binja, kien hemm għadd ġmielu ta' siġar taż-żebbuġ. Iżda wara l-1976 it-tħaffir ma tkompliex. Kien fl-2006 li, fuq stedina ripetuta minn diversi kapijiet tal-iskola lid-Dipartiment tal-Arkeoloġija tal-Università ta' Malta, reġa' beda t-tiftix arkeoloġiku għal madwar xahar kull sajf u għadu sejjer.

Kien waqt dan it-tħaffir bir-reqqa li nstab li parti mill-villa Rumana kienet mibnija fuq fdalijiet ta' binja iktar qadima, ta' żmien il-ħakma Kartaġiniża. Barra minn hekk, f'dawn l-aħħar erba' snin, bdew jinstabu kanal wara ieħor maqtugħin fil-blat mhux biss taħt is-sisien tal-villa Rumana iżda wkoll taħt is-sisien tal-binja Punika. Għall-ewwel ma stajniex nifhmu x'kien l-iskop tagħhom. Wara studju ta' tqabbil ta' dawn il-kanali m'oħrajn li nstabu dan l-aħħar f'inħawi oħra ta' Malta, kif ukoll ta' barra minn Malta, ħareġ ċar li dawn kienu serje regulari ta' trinek imħaffrin fil-blat biex jagħtu iktar tixrib fil-ħamrija għall-għeruq tad-dwieli fix-xhur nixfin tas-sajf. Dan kien ifisser li qabel ma telgħet il-villa Rumana l-art li fuqha nbniet kienet art agrikola ddedikata għat-tkabbir jew tas-siġar taż-żebbuġ, jew tad-dwieli. Daqs mitejn metru fid-direzzjoni tax-xlokk, mal-ġenb tad-dawra fuq it-triq li tagħti għal Dellimara, fil-wiċċ tal-blat abjad ta' għalqa għadhom jidhru il-profili ta' mill-inqas żewġ trinek, aktarx bħal dawn il-lanijiet. Billi, kif ser naraw iktar 'l isfel, dawn it-'trinek tad-dwieli' komplew jitħaffru għall-istess għan sas-seklu l-ieħor, ma nistgħux ngħidu jekk dawn tal-aħħar humiex qodma daqs dawk li sibna taħt il-villa Rumana.

*Min-naħa tiegħi, din ma kienetx l-ewwel darba li ltqajt ma' dawn it-trinek.*

Min-naħa tiegħi, din ma kienetx l-ewwel darba li ltqajt ma' dawn it-trinek. L-ewwel darba naħseb li kien fl-1976 meta kont tajt daqqa t'id lil Frans Mallia waqt li kien qed jikxef fdalijiet ta' villa Rumana oħra fl-Iklin, f'tarf Birkirkara u Ħal-Lija. Fl-1983 kont ippubblikajt artiklu fuqhom u fuq ġiebja li kien hemm maġenbhom, iżda ma semmejthomx għaliex kont għadni m'indunajtx bl-importanza tagħhom. Ma niftakarx jekk Mallia kienx basar x'kienet il-funzjoni tagħhom, iżda dan l-aħħar ġewni f'idejja ritratti li jien kont ħadt ta' xi wħud minn dawn it-trinek wara li Mallia kien żvujtahom. M'hemmx dubbju li dawn kienu tal-istess żmien tal-villa, jekk mhux eqdem.

It-tieni darba li ltqajt magħhom kien f'dak li jissejjaħ Iċ-Ċirku tax-Xagħra f'Għawdex. Dan xi darba kien ċirku ta' ġebel kbir wieqaf imdawwar ma' ċimiterju kbir taħt l-art tal-istess żmien tat-tempji preistoriċi ta' Ħal Tarxien. Il-wiċċ kollu ta' din l-

għalqa li ħaffirna biex kxifna dan iċ-ċimiterju, kemm fejn kien ħamrija kif ukoll fejn kien blat, kien mgħotti b'lanijiet twal xi metru, waħda wara l-oħra, f'ringieli dritti, xi zewġ metri 'l bogħod minn xulxin. Iżda dawn kienu tħaffru fil-bidu tas-seklu għoxrin għaliex il-bidwi li kien jaħdem l-għalqa qalilna li kien ħaffirhom nannuh, preċiżament biex iħawwel fihom id-dwieli.

Nerggħu lura lejn l-inħawi taż-Żejtun fejn, fiż-żona msejħa 'Il-Ħotba', bejn iż-Żejtun u t-Triq tal-Barrani, waqt monitoraġġ arkeoloġiku ta' tħammil għat-tqegħid tas-sisien ta' sptar ġdid privat, instabu għadd kbir ta' oqbra Puniċi-Rumani u mhux 'il bogħod minnhom, għadd kbir ta' lanijiet, aktarx tal-istess żminijiet. Din id-darba dawn kellhom magħhom numru ta' ħofor żgħar tondi li jidher li kienu jservu biex iżommu l-arbli li fuqhom kienu jserrħu il-pjanti tad-dwieli. Dawn ġew iddokumentati qabel ma bdiet titħaffer l-art biex jinbena l-istess sptar.

*Dawn ġew iddokumentati qabel ma bdiet titħaffer l-art biex jinbena l-istess sptar.*

Għalkemm, kif rajna, din il-prattika ta' tħaffir ta' lanijiet għal skopijiet agrikoli ilha magħna eluf ta' snin, l-iktar li għandna prova ċerta tal-qdumija tagħhom huma dawk tal-villa Rumana taż-Żejtun. Dan għaliex żgur li tħaffru qabel tqegħdu is-sisien tal-istess binja Rumana, jekk mhux ukoll qabel dawk tal-binja Punika ta' qabilha. B'hekk iż-Żejtun ta kontribut ieħor lejn it-tagħrif tal-istorja ta' pajjiżna u dak tal-agrikoltura kemm f'Malta kif ukoll fil-Mediterran.

Dan ir-rakkont żgħir juri kemm wieħed jitgħallem farka ġdida tal-verità tal-istorja mhux biss ma' kull qari ta' kontributi miktubin minn ħaddieħor iżda wkoll ma' kull esperjenza ġdida li jgħaddi minnha hu stess fil-karriera tiegħu. Dan jgħallimni wkoll li għandi nkun lest li nibdel l-interpretazzjoni tiegħi ta' xi sitwazzjoni, iktar u iktar jekk ma tkunx mija fil-mija ċerta, mal-ewwel ħjiel li l-verità turi mod ieħor. ■

